V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9293 — Iconex/Hansol Denmark/R+S Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 132/10)

1. Fl-1 ta' April 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Iconex LLC ("Iconex", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— Hansol Denmark ApS u s-sussidjarji kollha, inklużi Schades A/S, ("Hansol Denmark", id-Danimarka), ikkontrollati minn Hansol Paper Co. Ltd ("Hansol Paper", il-Korea t'Isfel),

— R+S Group GmbH ("R+S Group", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Hansol Paper Co. Ltd ("Hansol Paper", il-Korea t'Isfel).

Iconex tikseb, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Hansol Denmark u ta' R+S Group kollha kemm huma (flimkien il-"Kumpaniji fil-Mira") permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-Bundeskartellamt irrefera l-konċentrazzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Ma' din ir-referenza ngħaqdet sussegwentement rr-Repubblika Franċiża.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Iconex: it-trasformazzjoni u l-provvista ta' karta termali ħafifa (lightweight thermal paper, "LWTP") għal diversi prodotti finali inklużi rollijiet tal-karta tal-irċevuti, oġġetti tal-konsum tal-istampaturi u tikketti li jeħlu weħidhom. Iconex tissupplixxi rollijiet u tikketti trasformati għal varjetà wiesgħa ta' industriji.

— Hansol Denmark: it-trasformazzjoni u l-provvista ta' LWTP għal diversi prodotti finali inklużi rombli tal-karta tal-irċevuti u tikketti li jeħlu weħidhom. Hansol Denmark tissupplixxi rombli u tikketti trasformati lil varjetà wiesgħa ta' industriji.

— R+S Group: It-trasformazzjoni u l-provvista ta' LWTP għal-applikazzjonijiet tal-irċevuti u biljetti, u tikketti li jeħlu weħidhom. R+S Group jissupplixxi rombli u tikketti trasformati lil varjetà wiesgħa ta' industriji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9293 — ICONEX/HANSOL DENMARK/R+S GROUP

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË